MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 132/2011

**Foster Clark Products Limited**
**[C-803]**

***kontra***

**John Mary Cardona**
**[Karta tal-Identita` Nru. 624662M]**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-14 ta` Frar 2011 li jaqra hekk –

*1. Illi permezz ta` skrittura privata datata s-sittax (16) ta` Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) (Dokument ‘A’) l-intimat ikkostitwixxa ruhu bhala debitur*

*tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta` ghoxrin elf tlett mija u tnejn u sittin euro u tlieta u ghoxrin cent (€20,362.23), liema ammont huwa cert likwidu u skadut ;*

*2. Illi ghalkemm debitament interpellat sabiex jaddivjeni ghall-hlas ta` dak minnu dovut, l-intimat baqa` ghal kollox inadempjenti ;*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, jghid l-intimat ghaliex m`ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti, bid-dispensa tas-smigh a tenur ta` l-artikolu 167 et seq tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta) :*

*1. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` ghoxrin elf tlett mija u tnejn u sittin euro u tlieta u ghoxrin cent (€20,362.23), liema ammont huwa cert likwidu u skadut, oltre l-imghaxijiet bi tmienja fil-mija (8%) fis-sena mis-16 ta` Ottubru 2008 sad-data tal-hlas effettiv.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri legali tas-16 ta` April 2010 kontra l-intimat, minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici u l-lista ta` dokumenti esebiti.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-28 ta` April 2011 fejn, wara li kienet tal-fehma li l-konvenut kellu eccezzjonijiet tajba x`jaghti kontra t-talba attrici, din il-Qorti tat lill-konvenut zmien ghoxrin (20) jum mid-data ta` dik l-udjenza sabiex jipprezenta risposta mahlufa.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-21 ta` Gunju 2011 fejn, wara li accertat ruhha li l-konvenut ma kienx ipprezenta risposta mahlufa, din il-Qorti ddikjarat lill-konvenut bhala kontumaci ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Semghet id-deposizzjoni ta` Christopher Degiorgio, *finance director* tal-kumpannija attrici, fl-udjenza tat-3 ta` Ottubru 2011.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-3 ta` Ottubru 2011 fejn din il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum, bil-fakolta` li l-konvenut jipprezenta nota ta` osservazzjonijiet sa zmien tliet gimghat mid-data ta` dik l-udjenza, u bil-fakolta` ghall-kumpannija attrici li tipprezenta nota responsiva sa zmien hmistax-il jum mid-data tan-notifika tan-nota ta` osservazzjonijiet tal-konvenut lid-difensur tal-kumpannija attrici.

Rat li l-konvenut baqa` ma pprezentax nota ta` osservazzjonijiet.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

Irrizulta li sa Novembru 2008 il-konvenut kien impjegat fis-*sales department* tal-kumpannija attrici (minn issa `l quddiem tissejjah “Foster Clark”).

Irrizulta li l-konvenut kien ikkontratta dejn ma` terzi u talab lil Foster Clark sabiex tisilfu xi flus halli jhallas dak id-dejn.  Din tal-ahhar accettat.

Irrizulta li ghall-bidu Foster Clark silfet lill-konvenut is-somma ta` €14,605.16 (ekwivalenti ghal Lm 6,270). Minn dan l-ammont, il-kumpannija attrici hadet lura b`kollox is-somma ta` €1,750 bejn id-29 ta` Jannar 2008 u s-16 ta` Gunju 2008. Kien ghalhekk fadal bilanc favur Foster Clark ta` €12,855.17.

Irrizulta wkoll li oltre din il-pendenza, il-konvenut kellu pendenza ohra ma` Foster Clark meta ghamel uzu minn zewg *credit cards* tal-kumpannija ghal infieq personali tieghu minflok ghal negozju tal-kumpannija kif kien obbligat li jaghmel. L-uzu npropriju tal-*credit cards* wassal sabiex il-konvenut jiehu ghalih minn flus tal-kumpannija l-ammont ta` €7,504. Il-konvenut accetta li kien ghamel irregolarita`. Hallas lura €400. Pero` in segwitu rega` gibed flus ohra mill-istess credit cards li wassal lil Foster Clark sabiex twaqqaf l-uzu da parti tieghu ta` dawk il-*cards.*

Irrizulta li kien intemm l-impieg tal-konvenut ma` Foster Clark. Ghalhekk saret l-iskrittura a fol 3 li ggib id-data tas-16 ta` Ottubru 2008 fejn sar resokont tal-bilanc tal-ammonti li kienu ghadhom dovuti mill-konvenut. Is-somma accettata bhala dovuta mill-konvenut kienet ta` €20,362.23. Minn dan l-ammont il-konvenut baqa` ma hallas xejn.

Irrizulta inoltre li l-ammont ta` €20,362.23 baqa` dejjem dovut mill-konvenut wahdu bl-eskluzjoni ta` terzi.

Ma jirrizultax li d-dejn accertat tal-konvenut fl-ammont indikat huwa kummercjali.

Mill-atti lanqas ma jirrizulta li qabel il-presentata tar-rikors guramentat kienu prezentati kontra l-konvenut xi atti gudizzjarji ohra.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, u fil-kontumacja tal-konvenut, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –**

**Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-kumpannija attrici s-somma ta` ghoxrin elf tlett mija u tnejn u sittin euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€20,362.23), bl-imghax legali b`effett mill-14 ta` Frar 2011 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tikkundanna wkoll lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------